MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 491/1996/1

**David Xuereb**

**Vs**

**France Mercieca u Moira Mercieca**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fl-14 ta' Frar 1996 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien gharus lill-konvenuta;

Premess illi l-konvenuti huma propretarji tal-fond 36 Old Temple Street, Tarxien;

Premess illi l-attur ghamel diversi xoghlijiet f' dan il-fond konsistenti *sandblasting*, brix tal-faxxata u hitan, tikhil, brix ta' bibien, xoghol ta' dawl, u xoghlijiet ohra konnessi (Dok. A – D) u xtara l-madum, *conduits*, affarijiet ohra konnessi mar-renovar tal-bini (Dok. E) u affarijiet ohra konnessi mad-dar (Dok. F – H);

Premess illi l-konvenuta ghandha wkoll responsabilita` ghal ksur tal-gherusija;

Premess illi fil-post 8, Znuber Street, St. Lucia hemm ghamara u *appliances* mixtrija mill-attur f' liema fond tabita l-konvenuta;

Premess illi l-attur ghamel diversi depoziti fl-ammont ta' Lm500.00,0 u li tilef tort tat-tkissir tal-gherusija;

Premess illi l-attur nefaq favur il-konvenuta inkluz ikel;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur ghamel xoghlijiet u xtara materjal u affarijiet ohra fil-fond numru 36 Old Temple Street, Tarxien proprjeta` tal-konvenuti ghal liema il-konvenuti qeghdin jirrifjutaw ihallsu;

2. Tillikwida x-xoghlijiet u materjal mixtri mill-attur;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma fuq likwidata;

4. Tikkundanna lill-konvenuta tirritorna fi zmien perentorju l-ghamara u *appliances* proprjeta` ta' l-attur liema qeghda tiddetjeni kontra r-rieda ta' l-istess attur;

5. Tiddikjara li l-konvenuta kellha responsabbilita` ghal ksur tal-gherusija;

6. Tillikwida dik is-somma li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur konsegwenza tal-ksur tal-gherusija liema tirrapprezenta danni sofferti mill-attur li jinkludu telf ta'

depoziti in konnessjoni mal-gherusija u l-eventwali zwieg kif ukoll kull infieq li ghamel l-istess attur favur u ghall-konvenuta;

7. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma likwidata fis-sitt talba;

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data dovuta kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta, Moira Mercieca, ipprezentata fit-8 ta’ Novembru 1996 li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi, preliminarjament u bla pregudizzju ghal kwalunkwe eccezzjoni ohra, l-ewwel talba attrici hija nfondata wkoll stante li mhux veru li l-attur xtara xi materjal u l-attur irid qabel xejn jipprova x-xoghlijiet allegatament maghmula minnu u jrid jipprova jekk dawn sarux skond is-sengha u l-arti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-raba’ talba attrici hija totalment infondata stante li mhuwiex veru li l-konvenuta qeghda tiddetjeni xi ghamara u *appliances* proprjeta` ta’ l-attur;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hames talba attrici hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt stante li r-reziliment tal-gherusija minn naha tal-konvenuta sar ghal ragunijiet interament imputabbli ghall-attur u kwindi r-reziliment kien skond il-ligi;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-sitt talba attrici ghandha tigi respinta *in toto* stante li l-attur ma sofra ebda telf ta’ depoziti in konnessjoni mal-gherusija u l-eventwali zwieg;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma’ l-elenku tad-Dokumenti esebiti man-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti illi permezz taghha wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuta kienet gharusa lill-attur;

Illi l-attur ghandu responsabilita` kompleta ghal ksur tal-gherusija;

Illi l-konvenuta inkorriet spejjez u danni favur l-attur matul l-gherusija taghhom;

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur kellu responsabilita` ghal ksur tal-gherusija;

2. Tillikwida dik is-somma li l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta konsegwenza tal-ksur tal-gherusija liema somma tirrapprezenta nfieq, spejjez u danni sofferti mill-konvenuta favur u ghall-attur;

3. Tikkundanna lill-attur ihallas is-somma likwidata fit-tieni talba;

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data dovuta kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta rikonvenzjonanti, l-elenku tad-dokumenti u l-lista tax-xhieda annessi mal-kontro-talba taghha;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Frans Mercieca, ipprezentata fit-8 ta’ Novembru 1996 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghal kwalunkwe eccezzjoni ohra, l-ewwel talba attrici hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux vera li l-attur xtara materjal fil-fond numru 36, Old Temple Street, Tarxien proprjeta` tal-konvenuti u jrid qabel xejn jipprova x-xoghlijiet allegatament maghmula minnu u jrid jipprova jekk dawn sarux skond is-sengha u l-arti;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-Dokumenti esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant illi permezz taghha wara li ppremetta:

Illi l-konvenuta Moira Mercieca, it-tifla ta' Frans Mercieca, kienet gharusa lill-attur;

Illi l-konvenut huwa proprjetarju tal-fond 36, Old Temple Street, Tarxien;

Illi l-attur ikkawza danni b' imperizja u bi traskuragni fil-fond 36, Old Temple Street, Tarxien, proprjeta` tal-konvenut Frans Mercieca, kif jirrizulta mic-certifikat tal-perit arkitett Jesmond Mugliette, markat Dok. A;

Illi l-attur ghandu wkoll responsabilita` kompleta ghall-ksur tal-gherusija;

Illi l-konvenut Frans Mercieca inkorra spejjez u danni favur l-attur matul l-gherusija ta' bejn l-attur u Moira Mercieca;

Talab ghalhekk lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur kien responsabbli ghal danni kkawzati bi trakuragni u imperizja fil-fond numru 36, Old Temple Street, Tarxien proprjeta` tal-konvenut;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut u kkawzati mill-attur;

3. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma fuq likwidata;

4. Tiddikjara li l–attur kellu responsabilita` ghal ksur ta' l-gherusija;

5. Tillikwida dik is-somma li l-attur ghandu jhallas lill-konvenut konsegwenza tal-ksur tal-gherusija liema somma tirraprezenta nfieq, spejjez u danni sofferti mill-konvenut favur u ghall-attur;

6. Tikkundanna lill-attur ihallas is-somma likwidata fil-hames talba;

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data dovuta kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, l-elenku tad-dokumenti u l-lista tax-xhieda annessi mal-kontro-talba tieghu;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijietipprezentata fil-11 ta' Frar 1997 mill-attur rikonvenzjonat ghall-kontro talba tal-konvenuti, permezz ta' liema eccepixxa:-

1. Illi l-pretensjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ispejjez stante li l–konvenut Moira Mercieca kienet responsabbli unikament ghat-thassir tal-gherusija;

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Jannar 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ipprezentata mill-attur fid-19 ta’ Dicembru 2005, kif ukoll dik tal-konvenuti ntavolata fis-16 ta’ Jannar 2006;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Mill-attijiet ta’ dan il-procediment jidher li l-kontendenti qeghdin jirrinfaccjaw lil xulxin bi pretensjonijiet ghad-danni u/jew ghal hlas ta’ xoghlijiet u r-ritorn ta’ xi oggetti konsegwenti ghar-resiliment tal-gherusija bejn l-attur u l-konvenuta Moira Mercieca;

Jokkorri qabel xejn li jigu esposti l-fatti li taw lok ghall-azzjoni principali ta’ l-attur u dik rikonvenzjonali tal-konvenuti:-

(1) L-attur u l-konvenuta msemmija kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin bi hsieb ta’ zwieg minn Ottubru 1990 sa Settembru 1995;

(2) F’ xi zmien l-konvenut l-iehor, missier il-konvenuta, ghamel disponibbli ghas-sistemazzjoni ta’ bintu u ta’ l-attur il-fond proprjeta` tieghu Numru 36 Old Temple Street, Tarxien;

(3) Wara li thassret l-gherusija l-attur avvanza pretensjonijiet ghal hlas ta’ xoghlijiet li hu jghid li ghamel

personalment fil-fond jew billi nkariga terzi ghalihom u ghar-rimbors ta' spejjez ta' materjal li hu jghid li nkorra. F' dan il-kuntest huwa jaghti resokont taghhom fit-tieni Affidavit tieghu (fol. 146), tal-hlasijiet li ghamel kemm tal-materjal li jallega li xtara, kif ukoll dwar *appliances* li taghhom qed jitlob ir-ritorn minghand il-konvenuta. Ghandu jigi osservat dejjem fir-rigward tac-cifri li jsemmi illi l-attur jistqarr li dawn ftakarhom mill-memorja ghax ricevuti ma zammx (fol. 148 u fol. 222). Huwa jiddikjara illi peress li biddel diversi drabi l-post ta' residenza tieghu minn meta thasset l-gherusija allura xi *invoices* jista' jkun li ntilfu (fol. 233). Bosta drabi, l-attur jikkontendi wkoll illi ghalkemm ricevuti ohrajn gew intestati lill-konvenuti l-hlas korrispondenti fihom kien ghamlu hu. Ara l-ewwel Affidavit tieghu a fol. 108 u x–xhieda tieghu in kontroezami (fol. 209 *et sequitur*);

(4) Dwar it-thassir tal-gherusija l-attur jattribwixxi t-tort lill-konvenuta. Ghall-ewwel dan jaghmlu b' semplici sentenza generika (ara Affidavit fol. 108). Aktar tard fit-tieni Affidavit jispjega li l-ex-gharusa tieghu bdiet iggib ruhha stramb mieghu u certa antipatija ghalih malli saret taf li ohtu harget tqila (fol. 147). Jghid ukoll li kien hemm nuqqas ta' rispett mill-konvenuta fir-rigward ta' ommu u differenzi ma' missierha ghax dan ma ridhiex tizzewweg;

(5) Bil-kontra, il-konvenuti jirribattu illi l-gherusija thassret kawza ta' l-atteggjament ta' l-attur li nqabad jisraq mill-*cash register* fil-hanut tal-konvenuta. Ghall-korroborazzjoni ta' din il-kondotta tal-konvenuta gew prodotti mill-konvenuti x-xhieda Tony Nicholls, gestur ta' hanut ta' argenterija fil-Furjana (fol. 131) u ta' Antoinette Doneo, propretarja ta' hanut ta' elettronika f' tas-Sliema (fol. 173). Issemma wkoll il-kaz fejn l-attur kien seraq *television* minghand Degiorgio's Store tal-Mosta dwar liema ttiehdu proceduri penali kontra tieghu u gie kkundannat. Ara Affidavit tal-konvenuta, fol. 113 u ta' zijuha Paul Muscat (fol. 138). Irrizulta li l-attur kien f' xi zmien fl-impjieg ta' dawn il-gesturi tal-hwienet. Maggorment kien ikun dizokkupat jew ghax jitkecca mill-impjieg jew jitlaq volontarjament. Ara dokument ta' l-ETC a fol. 183 relattiv ghall-Employment History ta' l-attur fil-

perijodu tal-gherusija bejn l-5 ta' Awissu 1991 u l-15 ta' Marzu 1995;

(6) L-istess konvenuti, anke permezz ta' esebizzjoni ta' ricevuti, jistqarru li mhux biss l-attur ma hareg ebda spejjez ghax-xiri ta' materjal talli minhabba fih il-konvenut, barra li ddonalu xi flejjes zghar, inkorra minn butu fi spiza qawwija meta l-attur kien involut f' incident stradali bil-karozza ta' l-istess konvenuti. Ara dikjarazzjoni ta' l-assikurazzjoni a fol. 205. Huma jinnegaw ukoll illi l-attur u l-konvenuta kellhom *joint account* izda biss *account* tieghu b' bilanc ta' erbgha u tmenin centezmu (ara *statement* tal-Bank a fol. 125). Il-konvenuta tichad inoltre li l-attur xtralha curkett ta' l-*engagement* (fol. 197). Jinghad ukoll mill-konvenuti illi *appliances* li seta' xtara l-attur dawn ittiehdu minnu wara li thassret l-gherusija;

(7) Dejjem skond l-istess konvenuti, bil-kontra ta' dak sostenut mill-attur fit-tieni Affidavit tieghu, id-depoziti tal-preparattivi ghat-tieg thallsu minnhom. Hekk ukoll xiri ta' materjal u hlas lill-haddiema konnessi max-xoghlijiet fil-fond imsemmi, kif ukoll ghall-ghamara tal-kcina u tas-sodda (ara ricevuti minn fol. 28 sa fol. 38, fol. 116 sa fol. 120 u fol. 207 u 208). Huma esebew ukoll rapport ta' l-Arkitett Jesmond Mugliette (fol. 24) biex juru li x-xoghol li kien lahaq sar fil-fond mill-attur ma kienx skond ir-regoli ta' l-arti u s-sengha;

Riaffermati dawn il-provi, anke jekk forsi mhux ghal kollox b' mod elaborat, tidher in linea generali u bil-konoxxenza tal-fatti li l-kwestjoni bejn il-kontendenti hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilita` li tinghata lix-xhieda ta' l-istess partijiet u dawk l-ohra prodotti;

Mill-komparazzjoni tal-versjonijiet, u skond il-kriterju assodat ta' dik ic-certezza morali li ssemmi d-duttrina u l-gurisprudenza (ara **Kollez. Vol. XXXVI P I p 319**), hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li ma tistax toqghod fuq ix-xhieda ta' l-attur, anke minhabba l-atteggjament negattiv tieghu fuq certi fatti li minnhom jirrizulta

indubbjament il-kuntrarju ta' dak sostenut minnu. Fir-rigward din il-Qorti taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

(i) Ibda biex din il-Qorti tara aktar verosimili u attendibbli x-xhieda tal-konvenuta Moira Merceica li dak li wassal ghat-thassir tal-gherusija ta' bejniethom kienet il-kondotta ta' l-attur fir-rigward taghha. Dan mhux tant ghax ma kellux impjieg sigur izda ghax b' ghemilu wassalha ghat-telfien ta' fiducja fih. Dan fl-okkazjoni fejn qabditu *in flagrante* johdilha flus mill-*cash register*. Dwar dan l-incident u provi ta' kazijiet ohra ta' serq u tkeccija mill-impjieg suppliti mill-konvenuti, l-attur jaghti l-impressjoni li ghandu twegiba pronta billi jimputa lill-konvenuta "tghawwig tal-fatti" (ara t-tieni Affidavit tieghu, fol. 147). Sahansitra, isib skuza ghall-fatt li seraq it-*television* minghand sid il-hanut billi jghid li dan ghamlu ghax is-sid kellu jaghtih xi flus. Din il-Qorti mhix tant impressjonata minn dawn id-difizi. F' dan, il-Qorti ma tistriehx fuq l-awtorita taghha biss imma ssib elementi ta' korroborazzjoni tant fix-xhieda l-ohra prodotti, senjatament dawk ta' Tony Nicholls u ta' Antoinette Doneo, li lanqas biss ma gew kontro-ezaminati, kemm fic-cirkostanzi generali tal-kaz. Senjatament, l-izkuzanti li jgib dwar in-nuqqas ta' ricevuti, in-nuqqas ta' spjega ghaliex il-firma ta' Gejtu Gauci fuq ir-ricevuta redatta minnu u wkoll esebita minnu a fol. 5 hi differenti minn dik ta' l-istess persuna esebita mill-konvenuta a fol. 38, in-nuqqas ukoll ta' spjegazzjoni il-ghala d-dokument minnu esebit a fol. 12 jirreferi ghal erba (4) crieket u mhux wiehed. Hemm fuq kollox is-suggeriment fieragh tieghu li t-thassir tal-gherusija kien dovut ghall-"ghawi" ta' missier il-konvenuta. Ara Nota ta' Sottomissijonijiet tieghu a fol. 273;

(ii) Naturalment din il-Qorti tifhem forsi certu atteggjament ta' l-attur quddiem certi imputazzjonijiet fil-kondotta tieghu. Certament ma tistax pero` tinjora certi provi li saru, jew, li hu aghar, teskludihom. Ibda biex, kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti ghall-fattijiet in kawza bejn il-partijiet (Artikolu 558, Kapitolu 12). Jekk xejn turi certa "*system of conduct*" rikonoxxuta mill-gurisprudenza biex tattakka l-kredibilita`. Ara **Kollez. Vol. XL P I p 376**. Il-fatti stabbiliti f' din il-kawza, fuq l-

istregwa ta’ dan il-principju, jinsabu, fil-hsieb tal-Qorti, sufficcjentement pruvati. Flimkien ma’ provi ohra din ukoll hi prova utli konducenti ghal rizultament li in konsegwenza tieghu tista’ tigi deciza l-kawza;

(iii) Minn certa xhieda, anke kieku wiehed kellu, ghall-grazzja ta’ l-argument, ma joqghodx ghal kollox fuq l-istqarrijiet tal-konvenuti, johrog kjarament certu hjiel tal-karattru negattiv ta’ l-attur. Dak, jigifieri, li l-attur ghandu generalment fama li ma jghidx is-sewwa. Illustrazzjoni ta’ din il-karatteristika fl-attur jipprovduha x-xhud Paul Muscat (fol. 138A) u l-imsemmija Antoinette Doneo, (ara Affidvit taghha fol. 174) f’ dik il-parti fejn semmiet li wara l-incident tat-trafugament mill-attur ta’ l-istereo dan cemplilha biex jghidilha mbikkem li ommu kienet mietet biex b’ hekk tithassru, meta dan ma kienx hekk il-kaz. Din il-kondotta f’ certi sitwazzjonijiet hi wkoll karatteristika ohra ta’ l-attur. Ara deposizzjoni tal-konvenuta a fol. 197. Il-Qorti ragonevolment tifhem li kieku l-attur kellu l-fermezza li tigi minn kuxjenza safja ma kellux ghalfejn jiddejjaq xejn milli jikkontroezamina kif imiss lil dawn ix-xhieda;

(4) Gja gie osservat li tezisti konflittwalita` kbira bejn il-versjoni ta’ l-attur u dik tal-konvenuti dwar bosta aspetti rilevanti tal-kaz. Anke hawn jinsab ritenut minn certa gurisprudenza illi “aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` ta’ qerq da parti ta’ xi wiehed mill-kontendenti” (**Kollez. Vol. L P II p 437**). Minn dak li nghad s’ issa, adoperat it-test tal-verosimiljanza, il-Qorti ssib li l-versjoni ta’ l-attur mhix fededenja u ghandha tigi skartata bhala li ma tikkorispondix ghall-verita` u l-bona fede. Gja gew senjalati fatti partikolari li minnhom tista’ logikament tingibed inferenza li fid-diversi aspetti tal-kawza l-attur ma qalx is-sewwa. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddilunga izzejjed fuq din il-materja, u ser tghaddi biex tirrispingi l-pretizi kollha ta’ l-attur billi ssibhom mhux legittimament fondati. Dan, fl-interezza taghhom;

Una volta din il-Qorti waslet ghad-deduzzjoni illi ghandha takkolji l-versjoni tal-konvenuti, ghar-rigward tat-thassir tal-

gherusija din il-Qorti ssib li r-raguni moghtija mill-konvenuta Moira Mercieca hi wahda bizzejjed gravi u gustifikativa li ghaliha hassret l-gherusija. Ara **Vol. XLII P II p 1051** u **Vol. XLIII P II p 805**. Il-fatt addebitat minnha lill-attur inevitabilment iwassal lill-Qorti ghall-konvinzjoni li kienet il-kondotta ta' l-attur li pprovokat it-thassir;

Kif saput, id-danni naxxenti mir-resiliment ta' sponsali huma ekwiparati ghall-danni kontrattwali (ara "**Stephen Busuttil –vs- Carmen Calleja et**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997). Issa l-konvenuta, li f' isimha biss saret il-kontro-talba ma ressqet ebda provi ta' dawn id-danni li skond il-premessi tat-talba taghha jikkonsistu fi spejjez inkorsi u danni matul l-gherusija. Anzi kollox jindika mix-xhieda tal-konvenut l-iehor missierha illi l-hlasijiet saru minn dan. Dan hu attestat mhux biss mill-istqarrijiet tieghu (ara Affidavit a fol. 114) u kontro-ezami a fol. 185) imma wkoll mid-diversi dokumenti konsistenti maggorment f' cekkijiet mahruga minnu (fol. 26 u fol. 116 sa fol. 120). Dan l-aktar fir-rigward tal-preparattivi ghat-tieg. Huwa veru li jezistu cekkijiet ohra minn fol. 32 sa fol. 35 fejn jirrizulta li certi hlasijiet saru mill-konvenuta. Dawn ghax-xiri ta' materjal minghand B & M Supplies Ltd, presumibilment ghall-uzu taghhom fil-fond proprjeta` tal-missier, u lil Christopher Falzon, ghall-manodopera ta' *sandblasting* fl-istess fond. Fil-hsieb tal-Qorti pero` dawn ma ghandhomx jitqiesu bhala danni billi, jekk xejn, irrendew arrikkiment lill-fond, li, dejjem skond il-konvenut France Mercieca, iddispona minnu, presumibilment bi profitt. Se mai, din il-konvenuta ghandha dritt ta' rkupru taghhom jew rivalsa minghand il-konvenut l-iehor;

Fir-rigward ta' xi danni ohra, bhal ma hu x-xiri ta' xi laham ghall-konsum minnha u mill-familjari ta' l-attur, din il-Qorti ma tistax hlief tekkeggja l-hsieb ta' din il-Qorti, per Imhallef Maurice Caruana Curran, fejn tenna li kien wasal iz-zmien li jsir studju guridiku "*de lege ferenda*" halli jigi evitat lill-Qorti li tindaga f' infieq ta' din ix-xorta. Huwa rritjena li "jekk dik il-pratika tidher xi ftit ricerkata u litigjuza,

fiz-zmenijiet tallum, meta l-kawza ssir mill-gharusa, tidher izjed assurda u legulea meta l-azzjoni ssir mill-gharus li jkun ittratjena lill-gharusa tieghu f' daru bi pjacir u godiment, wiehed jispera, reciproku." ("**Francis Schembri *et* –vs- Maria Carmela Debono**", Qorti Civili, Prim' Awla, 17 ta' April 1969). Ghall-certu vers dan ighodd ukoll ghal kaz fejn il-konvenut jghid li l-attur dam jiekol minghandu diversi drabi fil-gimgha ghal xi sentejn u nofs;

Fil-kaz tad-danni reklamati mill-konvenut France Mercieca jidher mit-talba rikonvenzjonali tieghu li dawn huma ta' zewg tipi: (i) dawk konnessi mad-danni fil-fond in bazi ghac-certifikat tal-perit tieghu, (ii) dawk relattivi ghat-thassir tal-gherusija. Kwantu ghall-ewwel xorta ta' danni ma tressqu ebda provi konkreti u dippju, kif gja nghad, huwa iddispona mill-fond li fih jinghad li saru l-hsarat. It-talba dwar dawn ghalhekk ma tistax tigi akkolta. Dwar danni ohra direttament allaccjati mat-thassir tal-gherusija jirrizulta li certu nfiq kien direttament konness ma' xoghlijiet fid-dar u ghalhekk ghall-istess raguni dedotta aktar 'il fuq, ma jistghux jigu akkolti billi jekk isir dan il-Qorti thoss li tkun qed tippermetti arrikkiment indebitu. Hekk ukoll ma jistax issa dan il-konvenut jippretendi rifuzjoni ta' spiza nkorsa biex taghmel tajjeb ghad-danni fil-vettura fl-incident li fih kien ko-involt l-attur, meta hu stess jiddikjara fl-Affidavit tieghu (fol. 114) illi fil-rigward ta' dawn id-danni hu ma talabx rimbors taghhom minghand l-attur "peress li kien dizokkupat u peress ukoll li kien johrog mat-tifla tieghu". Inversament, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut rikonvenzjonant hu intitolat jirkupra minghand l-attur dawk l-ispejjez l-ohra direttament konnessi jew emergenti mit-thassir tal-gherusija u, cjoe, Lm50 biex l-attur isegwi kors ta' *hairdressing*, Lm30 biex ikollu x' jonfoq ghall-Milied, Lm100 lil Castello Entertainments Ltd (fol. 26); b' kollox ghalhekk mija u tmenin lira (Lm180).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tichad it-talbiet kollha ta’ l-attur. Takkolji l-kontro-talba tal-konvenuta Moira Mercieca billi tiddikjara li l-attur kien fi htija ghar-resiliment tal-gherusija. In bazi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula, tichad invece t-tieni u t-tielet talbiet taghha. Tilqa’ wkoll il-kontro-talba tal-konvenut France Mercieca fir-rigward biss tar-raba’, il-hames u s-sitt talbiet u b’ hekk tikkundanna lill-attur ihallas is-somma likwidata ta’ mija u tmenin lira (Lm180) in linea ta’ danni ghat-thassir tal-gherusija. Tirrespingi invece l-ewwel tliet talbiet ta’ l-imsemmi konvenut. Ghar-rigward ta’ l-ispejjez gudizzjarji l-attur ghandu jbati dawk ta’ l-azzjoni principali tieghu, ta’ l-ewwel talba dikjaratorja tal-konvenuta rikonvenzjonanti Moira Mercieca u tar-raba’, il-hames u s-sitt talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti France Mercieca. Il-kumplament tal-kontro-talbiet taz-zewg konvenuti li gew michuda jibqghu sopportati rispettivament minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------